MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2009

Talba Numru. 620/2008

Dr. Michelle Tabone (Id. 138371M) fil-kwalita' taghha ta' ekonomu ta' Monsinjur Arcisqof, amministratur tal-beni tal-entitajiet religjuzi djocesani kollha ta' Malta, fosthom il-Media Centre Print.

Vs

Phone Direct Limited (C-27107)

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attrici nomine qed titlob il-hlas tas-somma ta' seba mija, tmienja u hamsin Ewro u wiehed u ghoxrin centezmu (€758.21) minghand is-socjeta' konvenuta, rapprezentanti somma dovuta ghax-xoghol ta' stampar maghmul fil-Media Centre Print fuq inkariku tal-istess socjeta' konvenuta. Bl-imghax skond il-ligi, dekorribbli mill-10 ta' Mejju 2007, u bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra bonarja tat-2 ta' Lulju 2008 kontra s-socjeta' konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deheret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-attrici nomine u l-fatt li s-socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attrici nomine tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba, u jikkundanna s-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' seba mija, tmienja u hamsin Ewro u wiehed u ghoxrin centezmu (€758.21), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mis-socjeta' konvenuta.

**Av. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------